

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

KUMMISSJONI

Sejħa għal proposti 2009 — Azzjoni Preparatorja MEDIA International

(2009/C 31/10)

1. L-għanijiet u d-deskrizzjoni

L-Azzjoni Preparatorja MEDIA International hija maħsuba biex teżamina u tittestja attivitajiet ta' kooperazzjoni bejn il-professionisti Ewropej tal-films u l-professionisti minn pajjiżi terzi. Tkopri:

- appoġġ għat-taħriġ,
- appoġġ għad-distribuzzjoni,
- appoġġ għall-promozzjoni,
- appoġġ għall-iżvilupp ta' networks taċ-ċinema,
- appoġġ għad-domanda dejjem akbar tal-udjenza.

Fl-ambitu tal-Programm ta' Ħidma għall-Azzjoni Preparatorja MEDIA International għall-2009, il-Kummissjoni qed tistieden lill-kandidati biex iressqu l-proposti.

2. Il-Kandidati Eliġibbli

Is-sejħa hija miftuħa għal proposti minn entitajiet ġuridiċi fis-27 Stat Membru tal-UE u kwalunkwe pajjiż terz. Il-kundizzjonijiet speċifiċi huma stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma għall-Azzjoni Preparatorja MEDIA International għall-2009.

3. Il-Baġit għall-proġetti

L-ammont massimu disponibbli li jaqa' taħt din is-sejħa għal proposti huwa ta' EUR 4,96 miljun.

L-appoġġ finanzjarju mill-Kummissjoni ma jistax jaqbeż 50 %, 75 % jew 80 % tal-ispejjeż totali eliġibbli, skond in-natura tal-attività.

Il-kontribut finanzjarju se jingħata fil-forma ta' għotja.

4. L-evalwazzjoni u l-ġhażla

Il-proposti mressqa se jiġu evalwati mill-Kummissjoni bl-ġhajjnuna ta' esperti indipendenti. Il-kriterji użati fl-evalwazzjoni huma definiti fil-Programm ta' Ħidma għall-Azzjoni Preparatorja MEDIA International għall-2009. Il-proposti li jgħaddu mill-evalwazzjoni b'suċċess jiġu kklasifikati f'ordni skond il-kwalità.

Il-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet għal għotjiet mill-Kummissjoni huwa stipulat fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾.

(¹) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1).

5. Id-data tal-għeluq biex jintbaghtul-applikazzjonijiet

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu sa mhux aktar tard mit-**2 ta' Ġunju 2009** lil:

Ms Aviva Silver
European Commission
Directorate-General Information Society and Media
Directorate A — Audiovisual, Media and Internet
Unit A2 — MEDIA programme and media literacy
Office BU33 02/005
B-1049 Brussels

6. Id-dettalji kollha

It-test sħiħ tas-sejħa għall-proposti, flimkien mal-Programm ta' Ħidma għall-Azzjoni Preparatorja MEDIA International għall-2009, il-linji gwida u l-formoli tal-applikazzjoni, jinsabu fl-indirizz tal-Internet li ġej:

<http://ec.europa.eu/media>

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu konformi mat-termini kollha tas-sejħa għall-proposti u għandhom jitressqu fuq il-formola pprovduta.
